# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 135/2015**

Il-Pulizija

vs

**Carmelo Sammut**

iben John Mary, imwieled Pieta', fit-22 ta' April, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 229764(M)

Illum 24 ta' Otturbu, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Carmelo Sammut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fis-7 ta' Mejju, 2014, għal ħabta tas-19.30hrs ġewwa l-fond Kibowi, Flat 9, Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Baħar, ħebb għal martu Dorianne Sammut u kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat Dr. Sarah Henderson MD ta' Mosta Health Centre.

Il_Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll toħroġ Protezzjoni skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dak għas-sigurta' ta' Dorianne Sammut.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta’ Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 221(1), 383 u 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant ordnat il-ħruġ ta’ ordni ta’ protezzjoni favur Dorianne Sammut għal sena taħt penali ta’ ħames mitt euro (€500) ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmelo Sammut minnu ppreżentat fit-18 ta’ Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet premessi tas-16 ta' Marzu 2015 u minftok tillibera lill-appellant minn kull akkuża dedotta kontra tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-akkużat diġa ġie liberat minn dawn l-akkużi ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li hija ta' natura kriminali stante li l-fatt kif esposti mill-istess kwerelanta ma jisussistux oltre l-fatt li issa ma jistax jiġi misjub ħati fuq l-istess akkużi u għalhekk għandu japplika l-prinċipju *'ne bis in idem'*.

2. Illi n-natura tal-akkuża fil-proċeduri ċivili hija ta' portata kriminali u għalhekk ġaladarba ma ġiex misjub ħati taħt l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ma kenitx korretta li ssibu ħati taħt l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal sena taħt penali ta' €500.

3. Illi din l-azzjoni ttentata mill-kwerelanta u mill-prosekuzzjoni hija azzjoni li diġa ġiet deċiża u għalhekk qed tiġi sollevata l-eċċezzjoni ta' *'res judicata'* stante illi huwa l-istess mertu, l-istess persuni u l-istess fatti li fuqhom diġa ddeċidiet il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja.

4. Illi l-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja ilha tisma' dan il-każ għal dawn l-aħħar sentejn u hija iktar edotta mill-fatti kif jemergu mill-istess każ u mill-atteġjament tal-partijiet speċjalment tal-parte ċivile li hija intiża biss biex tagħmel ħsara lill-akkużat u biex iċċaħdu minn uliedu li minkejja kull tentattiv tagħha, l-istess Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja wara rapport tal-Perit Tanya Sammut Catania żieditlu l-aċċess fl-interess tal-istess minuri kif jirriżulta mid-digriet preżentat f’dawn l-

atti stante li l-Qorti ċaħdet it-talba tal-kwerelanta minħabba r-raġunijiet imsemmija fir-risposta tal-akkużat.

5. Illi l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi minkejja li l-parte ċivile preżentat rekording li fih il-parte ċivile qegħda tgħid li jinstema' iħebb għall-martu, tali recording mhux talli ma jipprovax l-akkużi, talli sahansittra r-rekording in kwistjoni juri li ma kien hemm l-ebda aggressjoni da parti tal-esponenti u jinstemgħu tfal jidhku u jilgħabu.

6. Illi huwa veru li fir-rekording li ppreżentat l-esponenti jinstema' jirreplika l-kwerelanta bi kliem baxx u b'mod mhux xieraq imma fl-għar ipoteżi, dan iwassal għall-akkużi differenti, li huma ta' natura kontravenzjonali u bl-ebda mod ma jirriżulta illi huwa ħebb għall-martu.

7. Illi l-akkużi ta' martu Dorianne Sammut huma sussegwenti għal allegazzjonijiet tagħha illi l-esponenti beżżagħha b'maskra li skont hi, tindika l-mewt. L-akkużat spjega illi huwa kien qed jilgħab ma' uliedu u jiċċajta magħhom tant illi minn dan l-istess tape ma jiriżultax li wliedu kienu mwerwrin anzi qegħdin jidhku u jiċċaċċraw. Oħroġ il-għaġeb il-kwerelanta ġiet imbezza' minn din il-maskra! Huwa ovvju illi l-intiża ta' dan kollu huwa biex toskura lil żewgha quddiem il-Qorti sia tal-Familja kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali għax din il-maskra żgur ma setgħet qatt tbezzagħha.

8. Illi hija qalet din l-iskuża biex taħmi pjan insidjuz biex għall-iskopijiet ta' moħħa toskura lil żewġha liema pjan fallilha quddiem il-Qorti tal-Familja pero' sfortunatament irnexxilha tikkonvinċi erronjament il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali

9. Illi mhux talli hekk, talli r-rekording in kwistjoni juri illi l-allegazzjonijiet ta' mart l-imputat huma għal kollox fiergħa u dan għaliex minkejja il-provokazzjonijiet ta' martu, u minkejja illi hija irrekordjatu, fir-recording in kwistjoni fl-ebda ħin ma tinstema' xi ħaġa li b'xi mod jew ieħor tista' tkun assoċjata mar-reat odjern. Illi l-mara fl-ebda ħin ma tinstema' tgħajjat bl-ugiegħ minħabba li irċeviet xi daqqa jew wisq anqas ma tinstema' tweġġa' minħabba li l-esponenti kaxkarha mal-art imma jinstema' biss għajjat u storbju li ma jinkwadrawx taħt l-akkużi odjerni.

10. Illi l-fatti ma jissussistux kif lamentati mill-kwerelanta tant li quddiem il-Qorti tal-Familja l-kwerelanta ma rnexxilix tipprova l-każ tagħha fuq l-istess fatti fuq bażi ta' probabilita' wisq inqas setgħet tipprova l-każ tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-oneru tal-prova huwa dak ta' il hinn minn kull dubbju ragonevoli.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti quddiemha u li konsegwenetment imponiet piena mhux idonea.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

**L-Aggravji**

L-ewwel erbgħa aggravji mressqa mill-appellant jistgħu jiġu sintetizzati kif ġej:

1) Prinċipju ta’ *ne bis in idem* għax l-akkużat kien ġie libert mill-Qorti tal-Familja ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġjiet ta’ Malta
2) Li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta applikat l-artikolu 383 tal-Kap 9 għax kien ġie liberat mill-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta
3) Illi l-azzjoni tal-parti ċivile kienet diġa saret res judicata mill-Qorti tal-Familja
4) Il-Qorti tal-Familja ilha tisma’ dan il-każ u kienet żiedet l-aċċess lit-tfal minuri tal-koppja

Illi dawn l-aggravji ma jistawx jintlaqgħu għar-raġunijiet segwenti:

a) Il-prinċipju tan-*ne bis in idem* hawnhekk ma japplikax żgur għax il-Qorti tal-Familja ma laqgħetx it-talba magħmula mill-kwerelanti u mhux tat kundanna jew orndat ħelsien fuq dan il-mertu ;

b) Il-Qorti tal-Familja ma għandha ebda kompetenza kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali ma għandha ebda kompetenza Ċivili għaldaqstant huma żewġ qrati distinti u kull Qorti tiddeċidi fuq il-provi , dokumenti jew xhieda li jkollha quddiemha.

c) L-Artikolu 412 C tal-Kap 9 mhuwiex reat iżda forma ta’ proċedura biex tingħata protezzjoni għal vittma.

d) L-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jiddeskrivi setgħa li għandha l-Qorti li torbot lil ħati taħt kundizzjoni. Isir reat una volta li tali rabta ma tiġix onerata mill-ħati u mhux qabel.

e) L-Ewwel Qorti sabitu ħati tal-offiża ħafifa taħt l-Artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kien għalhekk li rabtet l-appellant b'obbligazzjoni għal sena taħt l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**Is-sitt aggravji l-oħra jikkonċernaw ir-rekording esebit in atti u l-fatt li peress li l-Qorti tal-Familja ma laqgħetx it-talba tal-parti ċivile, l-Ewwel Qorti kellha tagħmel l-istess.**

Il-Qorti tal-Familja għandha l-kompetenza tagħha u din il-Qorti ser tiddeċidi fuq ix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti u mhux ser tistrieħ fuq id-dokumenti esebiti biss.

Din il-Qorti semgħet bir-reqqa r-rekording li hemm fuq is-CD esebita fl-atti a fol 15 tal-proċess u jinstemgħa l-ġlied bejn il-koppja għall-camera u kliem oxxen tal-akkużat apparti li jgħidilha li ser ippattilha u li ser toħroġ minn hemm bid-daqqiet ta' sieq.

Apparti dan pero' jinstemgħu wkoll ir-reazzjonijiet tat-tfal ġol karozza (li għall-ewwel ftit tar-rekording kienet mixgħula umbgħad neħħa ċ-ċwievet l-appellant) Hekk kif jaqbeż it-tmien minuta (8:32-8:40) jinstemgħa t-tifel jibki u jgħid lil oħtu li qed jibża' jibqa' jibki imma tkun qed tikkalmah . Ħin minnhom jerġa jinstemgħa lit-tifel jgħid lil missieru biex jagħtiha l-*camera* u anke konversazzjoni bejn it-tfal fejn it-tifel jgħid lit-tifla li dak ikissirlha jekk tibqa' hemm il-camera. Mit-tlettax-il minuta (senjatament 13:15 -14:00) it-tfal it-tnejn jibdew jgħajjtu u jibku ħafna qalb kommossjoni kbira jinħass l-eċitament u biża tagħhom u anke jgħajjtu lil ommhom. Saħansitra jibda jibża t-tifel meta tibda ssuq ommu li ser jiġi warajhom. Wara l-mara ċċempel 112 u tgħid li qagħlet daqtejn fuq wiċċha mingħand ir-raġel. It-tifel jinstemgħa jgħidilha li l-ewwel trid tmur tagħmel rapport il-Pulizija qabel ma tmur l-polyclinic.

Minn dan ir-rekording jirriżulta li nqalgħet ġlieda kbira fuq sempliċi kamera bi kliem ħażin u anke vjolenza. Fil-bidu tar-rekording it-ton tal-vuċi tal-parti ċivile ma tinstemax li qed tisfida anzi kienet ironika u sarkastika mal-appellant u tgħidlu kemm tixraqlu l-maskla li kien libes. Hija ħassra kbira li dan kollu kien qed jiġri bit-tfal żgħar qed isegwu kollox minn ġol karozza.

Illi din il-Qorti semgħet kemm il-parti ċivile u anke l-appellant jixhdu quddiemha.

L-appellant jinsisti kemm fir-rikors tal-appell u kif ukoll fix-xhieda tiegħu li qatt ma ħebb għal mara tiegħu u li hija qed tipprova tħammġu mal-Qrati u tgħid affarijiet li mhux minnhom. Mill-banda l-oħra l-parti ċivile tgħid li tħossha imbeżża minnhu u matul ix-xhieda tagħha tgħid li waqt li kienu qed jiġġieldu għall-camera u qed tgħidlu li lesta li tħassar ir-ritratt basta jagħtiha lura l-camera '…… *tani daqtejn ġo rasi, jiena waqajt mal-art dak il-ħin , kaxkarni barra….*' Tkompli tgħid : jiena erġajt qomt , erġajt tlabtu l-camera dak il-ħin u tani daqqa oħra u mbgħad ovvjament it-tfal bdew jibku fil-karozza. Sussegwentement wadbilha ċ-ċavetta tal-karozza fit-triq u dan huwa sostanzjat anke fir-rekording għax it-tifel jinstemgħa jgħid 'ill fejn waddabilha ċ-ċavetta'.

Id-difiża isostni li hija waqgħet għax ġibed il-kaxxa tiegħu minn idejha mentri hi tiċħad:
*Avukat: U naqblu li inti umbgħad waqajt mal-art x'ħin Chalie ġibidlek dik il-kaxxa minn idejk?*
*Xhud Dorianne Sammut: Nassigurak li mhux il-każ 100% (Fol 78)*

Mentri fix-xhieda tiegħu fuq meta waqgħet mal-art huwa jgħid is-segwenti a fol 85:
*'Il-mara ħin minnhom ,reġgħat marret fil-karozza u ħaditli l-borża taċ-ċwievet minn ġol kaxxa. U dak il-ħin, jiena, qabżitli, rrabjajt, mort ħtaftilha l-borża taċ-ċwievet. Fil-fatt iva, dal il-ħin tkellimt ħażin , mort ħtaftilha l-borża taċ-ċwievet minn idejha u waqgħet mal-art.*

Fil-kumplament tax-xhieda tiegħu jkompli jinsisti li huwa ma refgħax idejh fuqha.

Iċ-ċertifikat mediku preżentat fl-atti, ffirmat u ġuramentat mit-tabiba li nvistat lil parti ċivile siegħa wara l-akkadut jiddeskrivi ċarament il-ġrieħi wara l-akkadut -b'girfa fuq il-polz tal-lemin, girfa fuq l-ispalla tal-lemin u tbenġila fuq in-naħa tal-lemin tar-ras msejħa 'temple'. Fol 11 tal-proċess.

L-atteġiament fuq il-pedana tax-xhieda tal-appellant kienet waħda fejn jidher li huwa jitlef il-paċenzja malajr. Għalkemm huwa beda jsostni li huwa kien ġie provokat bir-ritratt meħud mill-mara tiegħu bil-maskla ta' '*scream*'.

Id-difiża targumenta li l-Qorti tal-Familja estendiet l-aċċess lil appellant mentri l-parti ċivile tagħti spjegazzjoni oħra u cioe' l-aċċess ġie estiż għax it-tfal saru jmorru direttament għandu wara l-iskola u mhux twassalhom hi hemm u dan sabiex jiltaqgħu nqas bejnithom.

Illi l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha u għaldaqstant in il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba din id-deċiżjoni.

Għaldaqstant tiċħad l-appell ta' Carmelo Sammut u tikkonferma s-sentenza appellata.